**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 43/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**(Spettur Carol Fabri)**

**Vs**

**Andy (Andre) Żammit**

Illum 27 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Andy (Andre) Żammit detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 372375(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-13 ta' Lulju 2015 għal ħabta tas-13:00 hrs ġewwa Pembroke:

> Ikkometta serq ta' diversi oġġetti liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi Euro 232.94 bil-mezz u bil-lok u dan għad-dannu ta' Maria Lourdes Caruana u/jew persuni oħra.
>
> U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkommetta ħsara liema ħsara jeċċedi il-€250 għad-dannu ta' Maria Lourdes Caruana u/jew persuni oħra.

U aktar talli rrendu ruħu reċediv ai termini tal-Art 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati ta' diversi delitti, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Jannar, 2019 li wara li rat l-Artikoli 261(c)(e), 267, 269(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u b'dan li ma nstabx ħati tal-kwalifika tal-mezz u kkundannatu għal tmintax-il xahar (18) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal żmien sentejn (2). L-imputat ma nstabx ħati tat-tieni imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċediva miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant minnhom lliberatu.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' €730.70 rappreżentanti ħlas tal-espert nominat.

Rat ir-rikors tal-appellant Andy (Andre) Żammit, ppreżentat fl-14 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt illi **TIKKONFERMAHA** fejn illiberatu mit-tieni (2) u mit-tielet (3) l-addebitu tar-reċidiva, imputazzjonjiet miġjuba fil-konfront tiegħu, **TĦASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu (salv fejn ma sabitux ħati tal-kwalifika tal-mezz) u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull ħtija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-ilment ventilat mill-appellant huwa marbut essenzjalment mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tieghu ma kenux biżżejjed sal-grad rikjest fil-ligi sabiex tinstab htija ghall- imputazzjoni ta' serq lilu addebitata. Jikkontendi illi l-provi ċirkostanzjali li l-Ewwel Qorti rreferiet għalihom aktar joħolqu dubbji milli konvinzjoni dwar l-ħtija tiegħu, aktar u aktar fid-dawl tal-fatt illi l-appellant jirnexxielu jiġġustifika l-preżenza tiegħu fuq il-post tad-delitt. Jgħid ukoll illi r-*res furtiva* li nstabet fix-xagħri faċċata tal-blokka appartamenti fejn joqgħodu hu u l-parti leza u fejn jinstab il-garaxx minn fejn sehhet is-serqa, qatt ma ġiet identifikata u/jew ikkonfermata mill-vittmi ta' din is-serqa apparti li l-ebda xhud ma indika illi raw lill-appellant b'xi oġġetti f'idejh wara li seħħet is-serqa in kwistjoni. Finalment u *in subsidium* jitlob illi l-Qorti tvarja l-piena mposta fuqu illi fil-fehma tiegħu hija waħda sproporzjonata u eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti sejset id-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tal-appellant abbażi tal-kredibbilita' tax-xhieda kif ukoll l-univoċita' tal-provi ndizzjarji. F'dan ir-rigward, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. 'Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni

li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1]'.

Ikkunsidrat:

Illi sabiex isir dan l-ezercizzju ghalhekk, il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jemergi illi nhar it-28 ta' Jannar 2015 daħal rapport dwar serqa ta' *decoder* u *monitor* li sehhet minn gewwa garaxx fl-indirizz 63 Blokk A1, Triq Pietru Darmenia, Pembroke. Meta l-pulizija marru fuq il-post sabiex jinvestigaw dan ir-rapport innutaw li ma kien ebda sinjal ta' sgass u ukoll illi fuq waħda mill-kameras CCTV kienet tqiegħdet karta sabiex tigi offuskata l-viżwali tal-persuni deħlin jew ħerġin mil-garaxx. Minn dawn il-filmati deher l-appellant miexi b'kaxxa ħamra tal-luminata jew inbid fid-direzzjoni tal-garaxx li saret is-serqa minnha. In oltre jumejn wara l-pulizija rċevew ukoll informazzjoni mill-parte ċivile kif ukoll xi persuni oħra li jabitaw fl-istess blokka li allegatament kienu raw lill-appellant fix-xagħri ta' quddiem ir-residenza jaħbi xi ħaġa, li wara rriżulta li kien il-qafas tad-*decoder* misruq. Meta saret tfittxija fir-residenza u garaxx tal-appellant ġew elevati d-*decoder* tiegħu personali peress illi waħda mill-kameras fil-garaxx hija filfatt tiegħu u nstabet ukoll il-kaxxa tal-luminata li dehret fil-filmati CCTV li gew elevati. Irriżulta wkoll, anki minn dak illi xehed l-appellant, illi l-kamera li kellu fil-garaxx kienet mitfija dakinhar tas-serqa peress illi allegatament il-*main* tad-dawl kien mitfi. L-appellant jibqa' jichad l-involviment tieghu f'din is-serqa, izda l-Ewwel Qorti ma tatux affidament abbazi tal-provi indizzjarji u ukoll tax-xiehda diretta li jiffurmaw l-atti probatorji.

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant gie misjub hati tar-reat tas-serq aggravat bil-valur u bil-lok kif mahsub fl-artikolu 261(c)(e), 267, 269(g) u 279(a) tal-Kodici Kriminali. Issa ghalkemm il-ligi ma tipprovdi ebda definizzjoni tas-serq, il-qrati dejjem segwew id-definizzjoni tal-gurista Carrara sabiex fasslu l-elementi mehtiega sabiex tissussisti r-reita' u cioe' it-tehid doluz ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod frawdolenti minghajr il-kunsens tas-sid, bil-ħsieb li jsir qliegħ[2]. Illi il-prova dwar dan it-tehid doluz minn naha tal-appellant fil-fehma tal-Ewwel Qorti kien jistrieh fuq provi indizzjara u ukoll diretti li taghhom taghmel rassenja dettaljata. Illi:

> **Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**
>
> **Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi**

[2] '*La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro*.'

**prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha[3].**

Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti u il-provi li ghalihom ghamlet referenza l-Ewwel Qorti u jibda biex jingħad illi m'hemmx kontestazzjoni illi sehhet is-serqa tad-*decoder* u *monitor* proprjeta tal-parti leza mill-garaxx komuni ghal-blokka ta'l-appartamenti fejn jabitaw l-istess parti leza u l-appellant. Illi dak li wassal sabiex jaqa' s-suspett fuq l-appellant kien il-fatt illi jumejn wara li sehhet is-serqa kemm il-parti leza kif ukoll xi residenti oħra tal-istess blokka ta' appartamenti raw komportament kemmxejn suspettuż minn naha tal-appellant meta dan intlemah tard fil-ghaxija bħallikieku qed jarmi xi oggett fix-xaghri faccata tal-blokka. Wara li telaq minn fuq il-post l-part leza spezzjonat dak li kien intrema u hemm gie misjub l-qafas tad-*decoder* proprjeta ta'l-istess Caruana. Illi marbut ma' dan il-fatt gie osservat ukoll mill-filmati tac-CCTV dak in-nhar li sehhet is-serq, u cioe' fit-28 ta' Jannar 2015 fil-hin li beda idoqq l-*alarm*, ghal habta tas-1:30 ta' wara nofs in-nhar, l-appellant ħiereġ mill-blokka tal-garaxxijiet u miexi lejn ir-rampa għall-barra mill-istess blokka. Inoltre f'dan il-filmat l-appellant jidher qieghed igorr kaxxa tal-luminata jew inbid, liema kaxxa sussegwentment giet misjuba fil-garaxx tieghu meta l-pulizija ghamlu it-tfittxijiet taghhom, kaxxa li l-pulizija kellhom suspett li giet utilizzata mill-appellant sabiex jitla' fuqha biex ighatti il-kamera. Kif tajjeb tistqarr l-Ewwel Qorti, ma hemmx dubbju illi l-appellant kien fuq ix-xena tad-delitt hekk kif beda jdoqq l-allarm li ndika illi kien hemm xi intruzjoni mhux awtorizzata fil-prorpjeta'.

Issa l-appellant jipprova jaghti spjegazzjoni sabiex jiggustifika l-presenza tieghu kemm dak in-nhar li sehhet is-serqa kif ukoll meta jumejn wara jintlemah fix-xaghri vicin il-blokka tal-appartamenti qieghed jarmi xi oggett. Din l-ispjegazzjoni tird tigi minnu sostanzjata bi prova sal-grad tal-probabbli. Illi din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha, madanakollu tqies illi dan il-grad ta' prova huwa ma jirnexxielux jilhqu. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-

[3] Repubblika ta' Malta vs George Spiteri mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002

appellant jirrisjedi fl-istess blokka ta' appartamenti, madanakollu l-movimenti minnu maghmula jindikaw car u tond illi huwa kien qed jipprova jaghmel minn kollox sabiex ma jinqabadx fuq il-kameras tac-CCTV, fejn wahda minnhom kienet mghottija b'karta u tieghu kienet mitfija. Inoltre l-appellant lanqas ma jaghti gustifikazzjoni 'il ghala proprju fil-hin li hu jintlemah hiereg mill-garaxx l-allarm beda jdoqq, u 'il ghala ezattament wara l-garaxx tal-parti leza nstab miftuh u l-oggetti gew misjuba nieqsa. Ma jressaq ebda prova sabiex jissostanzja dak allegat minnu dwar x'kien qed jaghmel dak in-nhar tas-serqa u jumejn wara, bl-ewwel skuza tkun dik li nizel fil-basement biex inaddaf xi gutters mil-hmieg li ingabar minhabba ix-xita u li tefghu fil-kaxxa tal-luminata, u bl-iskuza ipprezentata minnu fit-tieni okakzzjoni meta intlemah jaqbez cint ighid li dan ghamlu ghax nesa ic-cwievet, izda kumbinazzjoni dawn iz-zewg okkazzjonijiet kienu marbuta mal-granet meta insterqu l-oggetti mertu tal-kaz u meta instabet parti mir-*res furtiva*.

Jingħad in oltre illi filwaqt illi huwa minnu illi l-parte ċivile ma ġietx mitluba tidentifika fil-Qorti il-qafas tad-*decoder* li gie misjub fix-xaghri u li allegatament kien jifforma parti mir-*res furtiva*, u ghalkemm ukoll ma gewx misjuba xi marki tas-swaba fuq ix-xena tad-delitt u fuq l-istess *res furtiva* li jappartjenu lill-appellant, dan ma jnaqqas xejn mill-piz ta' prova li tressaq il-Prosekuzzjoni permezz tal-provi l-ohra indizzjarji u ukoll diretti, u l-Ewwel Qorti setghet xortawahda issib htija kemm legalment kif ukoll fattwalment abbazi ta' dawk il-provi li kienu kkumpilati fl-atti. Dawn il-provi wahedhom jippuntaw lejn ir-reita' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Konsegwentement l-ewwel aggravju qed jigi miċħud.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant *in subsidium* jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti mhijiex waħda ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Din il-Qorti tiddikjara mingħajr tlaqliq li ma taqbilx ma dawn is-sottomissjonijiet tenut kont tal-fatt illi fl-ewwel lok il-piena hija wahda fil-parametri tal-ligi u *di piu* l-Ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi, ghazlet li taghti cans iehor lill-appellant

sabiex jitbieghed mill-hajja tal-kriminalita' u erogat piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur